# BEATI U QADDISIN...APRIL

APRIL 4

## San Sidor

San Sidor huwa meqjum fi Spanja bhala wiehed mill-aktar dutturi illustri


Bartolomé Esteban Murillo, S. Isidoro, 1655, Cattedrale, Siviglia

It-tmin koncilju ta' Toledo, 14 il-sena wara mewtu jitkellem fuqu bhala" id-duttur eccellenti, li ismu ghandu jkun rispettat u l-glorja tal-knisja kattolika."

Twieled gewwa Kartagini minn Severjan u Teodora, tnejn minn nies maghrufa sew ghat-tjubija taghhom. Iz-zewg hutu subien l-ohra, Leandru u Fulgentzju, it-tnejn isqfijiet kif ukoll ohtu

Florentina huma maghduda fost il-qaddisin. Sidor wera’ ruhu li kien bniedem ta’ virtu’ u gherf u ta lilu nnifsu ghas-servizz tal-knisja; ghen hafna lil huh Leandru, isqof ta’ Sevilja biex il-visgoti li kienu jhaddnu it-taghlim arjan jaraw l-izball taghhom u jikkonvertu.

Meta miet huh San Leandru fis-600 jew 60l huwa sar is-successur tieghu gewwa Sivilja.

Kien strumentali biex inissel dixxiplina fil-knisja.  Ta sehmu bis-shih f’bosta koncilji permezz tad-duttrina u kanoni li huwa kiteb li baqghu jissemmew ghal-gherf u z-zelu tieghu. Fil-koncilju ta’ Sivilja fis-sena 619 li kien ippresida huwa ikkonvinca f’disputa pubblika lil Girgor isqof ta’ Acephali mill-izball li kien ihaddan u fih jemmen. Girgor tant ipperswada ruhu li kkonverta dak il-mument stess.

Billi Isidoru kien jaf sew il-lingwi tal-Latin, Grieg u Lhudi, huwa halla wirt ta’ xoghlijiet kbar lill-knisja kattolika.

Miet fl-4 ta’ April tas-sena 636, wara aktar minn tletin sena ta’ hidma u servizz bhala arcisqof ta’ Sivilja.